Kunsill Lokali Ħal Lija

# Rapport Amministrattiv

# Għas-Sena 2019

Ikkumpilat mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Pamela Borg

## Werrej


| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **5** |
| **Il-Finanzi tal-Kunsill: l-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **12** |
| **Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | |

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-01 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija tul is-sena 2019. Fis-sena 2019, inzerta li kien hemm żewġ leġiżlaturi; is-seba' leġiżlatura u it-tmien leġiżlatura. Is-seba' leġiżlatura propju ntemmet fit-30 ta' Ġunju 2019 u ngħata bidu għat-tmien leġislatura fl-1 ta' Lulju 2019, fejn fiha kien hemm bidla ta' erba' Kunsilliera mill-leġiżlatura preċedenti.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

Waqt is-Seba' Leġiżlatura, bejn Jannar u Ġunju 2019, il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjura Magda Magri Naudi** | **Sindku** |
| **Is-Sinjorina Stephanie Cutajar** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Massimo Scerri** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinjorina Lorraine Farrugia** | ***Minority Leader*** |
| **Is-Sur Salvu Farrugia** | **Kunsillier** |

Ir-Responsabbiltajiet tal-kunsillieri preżenti waqt is-seba' leġiżatura kienu kif ġej:

**Sindku Magda Magri Naudi**
Finanzi, Awtorita' tal-Ippjanar, WSC, GO, Dranaġġ, *Media*, *Twinning*, Kultura, Arti, Edukazzjoni, Ġonna Pubbliċi, *Landscaping*, Trasport Pubbliku u l-Immaniġġjar tat-Traffiku.

**Viċi Sindku Stephanie Cutajar**
*Media*, Żgħażagħ, Fondi Ewropej, Proġetti Ewropej u *Twinning*.

**Kunsillier Massimo Scerri**
Saħħa, Sigurta' Soċjali, Persuni bi bżonnijiet speċjali, Anzjani u Informazzjoni Teknoloġika.

***Minority Leader* Lorraine Farrugia**
Attivitajiet għat-Tfal, Librerija Pubblika, Komunita' tan-Negozju u Ħwienet Kummerċjali u *Landscaping*.

**Kunsillier Salvu Farrugia**
Affarijiet Legali, Ordni Pubblika, *Bye-Laws*, Sports, Turiżmu, Wirt Storiku u Inizjattiva għal Enerġija Nadifa.

Waqt it-Tmien Leġiżlatura, bejn Lulju u Diċembru 2019, il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Anthony Dalli** | **Sindku** |
| **Is-Sur Daniel Mallia** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Calcedonio Cini** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinjorina Lorraine Farrugia** | ***Minority Leader*** |
| **Is-Sur Joseph Zahra** | **Kunsillier** |

Ir-Responsabbiltajiet tal-kunsillieri preżenti waqt it-tmien leġiżatura kienu kif ġej:

**Sindku Anthony Dalli**
L-Ambjent, Proġetti Kapitali/Unjoni Ewropea, Immaniġġjar tat-Traffiku u Ordni Pubblika, l-Għaqdiet fil-Komunita', l-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Amministrazzjoni.

Is-Sindku huwa membru wkoll fil-Kumitat tar-Reġjun Ċentru.

**Viċi Sindku Daniel Mallia**
Żgħażagħ u Tfal, Sports u Attivitajiet fiżiċi.

Il-Viċi Sindku huwa wkoll is-sostitutt tas-Sindku f'eventwalita li ma jkunx jista jattendi huwa għall-kumitat tar-Reġjun Ċentru.

**Kunsillier Calcedonio Cini**
Indafa, Infrastruttura u l-Qasam Soċjali.

***Minority Leader Lorraine* Farrugia**
L-Edukazzjoni u l-Kultura.
**Kunsillier Joseph Zahra**
Integrazzjoni Soċjali, Turiżmu Lokali u Ħarsien tal-annimali.

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' Ġunju 2019 inżammu tmien (8) laqgħat tal-Kunsill waħda minnhom laqgħa urġenti, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | Laqgħat tal-Kunsill Nru. 85 - 92 | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Magda Magri Naudi | 8 | - | - | 100 |
| 2 | Viċi Sindku Stephanie Cutajar | 8 | - | - | 100 |
| 3 | Kunsillier Massimo Scerri | 7 | 1 | - | 88 |
| 4 | Kunsillier Lorraine Farrugia | 8 | - | - | 100 |
| 5 | Kunsillier Salvu Farrugia | 8 | - | - | 100 |

Bejn l-1 ta' Lulju 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019 inżammu għaxar (10) laqgħat, tmien (8) laqgħat tal-Kunsill u żewġ (2) laqgħat tal-lokalità, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | Laqgħat tal-Kunsill Nru. 1 – 8 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 1 - 2 | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Anthony Dalli | 10 | - | - | 100 |
| 2 | Viċi Sindku Daniel Mallia | 10 | - | - | 100 |
| 3 | Kunsillier Calcedonio Cini | 10 | - | - | 100 |
| 4 | Kunsillier Lorraine Farrugia | 10 | - | - | 100 |
| 5 | Kunsillier Joseph Zahra | 9 | 1 | - | 90 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, minn l-01 ta' Jannar sat-12 ta' Mejju 2019 tmexxiet mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li dak iż-żmien kienet is-Sinjorina Doriette Farrugia, bl-assistenza ta' tlett impjegati oħra. Mit-13 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru 2019 l-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Pamela Borg bl-assistenza ta' żewġ impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjorina Pamela Borg** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Is-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin** | **Assistent Prinċipal** |
| **Is-Sinjura Audrey Pace** | **Uffiċjal Eżekuttiv** |

Matul is-sena 2019, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Ronald Scicluna** | **RSSL** |
| **Is-Sur George Sammut** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Bjorn Borg** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |

Is-Sur Ronald Scicluna rtira u propju temm il-ħidma tiegħu mal-kunsill fl-aħħar tas-sena 2019.

Riċentament ingħaqdu mal-kunsill żewġ ħaddiema oħra kif imniżżel hawn taħt :

**Is-Sur Raymond Mallia** **RSSL**
(Dan ħa l-post vakanti tas-Sur Scicluna)

**Is-Sur Andre Spiteri** **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)**
(Ħaddiem issekondant biex jgħin fi xogħol klerikali)

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll bżonn ta' servizzi professjoni biex jigwidawh fl-operat u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu. Is-Servizzi mgħottija huma kif iddettaljat hawn taħt:

**Servizz Legali** mgħoti minn GTG Advocates;
**Servizz ta' Perit** mogħti mingħand il-Perit Anthony Bezzina;
**Servizzi ta'** ***Accountant u Accounting technican*** *li ġew mgħotija mi*ngħand is-Sa Marisa Ciappara mill-bidu tas-sena sa' l-aħħar ta' Settembru 2019. Mill-bidu ta' Ottubru 2019 s-servizz ta' *Accountant* beda jiġi mgħoti minn Akkonta Services LTD u s-servizz ta' *Accounting technican* minn Dgalea Consult Ltd;
**Servizz ta' konsulentazzjoni dwar Permessi tal-Ippjanar** mgħoti minn ADI Assocoiates Environmental Consultants Ltd;
**Servizz ta' Data Protection Officer** mgħoti minn Iuris Malta.

Lejn l-aħħar tas-sena 2019 il-kunsill ħareġ ukoll sejħa ta' offerti għas-servizz ta' *contracts manager* skont Direttiva nru 3/2019 maħruġha mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Is-servizz ta' *contracts manager* daħal inseħħ fil-bidu tas-sena 2020.

In-nies kollha msemmija hawn fuq huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Huwa grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem fi ħidmietu. Bħala Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill inħossni kburija naħdem ma' dawn in-nies u b'dan il-grupp ta' nies għandi sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## 3.1 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart organiku**
Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ilu joffri s-servizz tal-ġbir ta'l-iskart organiku mill-31 ta' Ottubru 2018. Dan l-istess servizz ingħata fis-sena 2019 u għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum. L-iskart organiku jinġabar bieb bieb kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa.

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Is-Servizz ta' ġbir ta' l-iskart imħallat (borża sewda) jingħata kull nhar ta' Tnejn, Ħamis u Sibt.

**Ġbir ta' skart separat**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat mill-kumpanija GreenPak. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tlieta. Fis-sena 2019 il-Kunsill għamel talba ma' Greenpak biex tiżdied ġurnata oħra fil-ġimgħa għal dan is-servizz pero din it-talba ma ġietx milqugħha.

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, jinġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb mill-kumpanija GreenPak. Fis-sena 2019 il-kunsill għamel talba ma' Greenpak biex dan is-servizz jingħata darba oħra fix-xahar, lejn l-aħħar ta' kull xahar, pero din it-talba ma' ġietx milqugħha.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Dan is-servizz qed jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntatja l-Kunsill biex jagħmel appuntament għal dan is-servizz. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas. Il-Kunsill għamel anke WEEE trolley fil-binja tal-kunsill fejn residenti jistgħu jiddisponu minn affarijiet eletroniċi żgħar.

**Ħruġ ta' Permessi, Ħlasijiet oħra u lmenti**
Għal-sena oħra l-amministrattiv tal-kunsill dejjem għamel mill-aħjar biex jaqdi r-residenti fejn jidħlu applikazzjonijiet ta' permessi għal diversi ngenji u għeluq ta' toroq. Waqt il-ħin tal-ftuħ tal-binja amministrattiva tal-kunsill dejjem ingħata ukoll servizz effiċjenti ta' ħlasijiet oħra fosthom taċ-ċitazzjonijiet u l-kera. Ma' dawn ma tonqosx ukoll l-attenzjoni li tiġi mgħottija għal diversi lmenti u talbiet li jressqu tul is-sena r-residenti.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita'tinżamm fi stat nadif. Il-Kunsill għandu kuntratt ġdid b'kundizzjonijiet aħjar fejn, kull triq fil-lokal qed tinkines darba jew darbtejn fil-ġimgħa skond il-bżonn neċessarju. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun aktar ta' spiss.

**Tisbieħ u Manutenzjoni tal-Ġonna u *playing fields***
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-ġonna u l-*playing fields* fil-lokalita' jinżammu fi stat tajjeb. Dan billi sar żbir tal-ħaxix kif suppost u tisbieħ b'ipplantar ta' xtieli. Il-Kunsill il-ġdid qed jaħdem anke ma' diversi entitajiet u l-kuntrattur biex bmod speċjali l-ġnien rikreattiv jinżamm fi stat tajjeb.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn. Kien hemm każijiet fejn numru ta' toroq sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta sar wiċċ ġdid ta' Triq Fernand Gregh u Triq Karlu Darmanin. Riċentament Infrastructure Malta bdiet ukoll bi xogħlijiet ta'*re-surfacing* fi Triq Sir Ugo Mifsud u Triq Annibale Preca. Apparti dan il-Kunsill talab anke lil Infrastructure Malta biex isir wiċċ ġdid għal Triq il-Kbira, Triq il-Mitħna, Triq Ramiro Barbaro u l-isqaq li hemm fi Triq

Sant Andrija. Inħarġet ukoll sejħa biex isir mill-ġdid parti mill-wiċċ ta' Triq Preziosi Sqaq nru 2 u dan ix-xogħol ser jibda eminenti.

Sar ukoll manutenzjoni tal-bankini fejn kien meħtieġ. Il-Kunsil anke tħaddet mal-Ministru tal-Infrastruttura biex jiġi rranġat il-kumplament tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u Infrastructure Malta wegħdet lil kunsill li hija ser tagħti l-għajnuna tagħha biex isir dan ix-xogħol.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq u kif ukoll saru diversi sinjali tat-traffiku fir-raħal.

**Sejħiet ta' Offerti *(Tenders)***

Matul is-sena l-Kunsill ħareġ disa (9) sejħiet ta' offerti (*Tenders):*

- *Tender for the services of an accountant and accounting technician for the locality of Ħal Lija (October 2019);*
- *Tender for Professional services of an architect and civil engineer (October 2019);*
- *Tender works for the Maintenance of Traffic signs and road markings in the locality of Ħal Lija (September 2019);*
- *Tender for concrete imprint works P/O Preziosi str alley 2 Ħal Lija (October 2019);*
- *Upkeep and maintenance services of parks and gardens and soft areas using environmentally friendly products and practices (July 2019);*
- *Tender for services of a contracts manager for the Ħal Lija Local Council (December 2019);*
- *Tender for demolition and re-construction of rubble walls under measure 4.4 of the European fund for rural development (December 2019);*
- *Service Tender for the provision and maintenance of street lighting for Ħal Lija LC (November 2019);*
- *Tender of street sweeping for the locality of Ħal Lija in an environmentally friendly manner (November 2019).*

**Skemi u Proġetti**

Matul is-sena l-Kunsill applika għal diversi fondi b'permezz ta' skemi bit-tijr li jsiru diversi proġetti għar-residenti, l-għaqdiet u għall-benefiċċju tal-lokalita. Fost l-iskemi li l-kunsill applika għalihom insibu:

- Ċirkulari Numru SPI 7/2019 – Finanzjament ta' Proġett kapitali – Apparat għal sistemi ta' rrigazzjoni, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika għal sistema ta' rrigazzjoni fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u din l-applikazzjoni ġiet approvatha. Xogħlijiet relatati ma' din l-iskema qiegħdin inseħħ.
- Ċirkulari Numru SPI/SCI/11/2019 – Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (*Lifelong learning*), kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex jingħata kors qasir tal-Malti fil-binja amministrattiva tal-kunsill għall-grupp żgħir ta' persuni u din l-applikazzjoni ġiet approvatha. Qed issir tħejjija biex jiġi pprovdut dan il-kors.
- Bl-approvazzjoni tal-kappillan Fr.Joe Cillia l-kunsill applika għal Ċirkulari Numru SPI/SCI/12/2019 – *Restoration Scheme for Local Councils 2019,* kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex tiġi rrestawratha l-istatwa ta' San Pawl fi Triq Sir Ugo Mifsud. Din l-applikazzjoni pero ma ġietx milqugħha. *(Awwissu 19)*

- Ċir AKL 2019/071 – Materjal – Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali / Soċjali mill-Fondi tal-LESA, kif offrutha mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. B'permezz ta' fond intitolat lilu ta' €3085.96, il-kunsill applika biex bil-mod jibda jbiddel il-fanali dekorattivi eżistenti fir-raħal għal-fanali aktar moderni u LEDs. L-applikazzjoni tal-kunsill ġiet approvatha u attwalment il-kunsill diġa biddel erba (4) fanali u għandu lok li jbiddel ieħor u dan ser isir dalwaqt. *(Ottubru 19)*
- Skema Finanzjarja 1/2019 - Għajnuna għall-kunsilli lokali fi żmien il-Milied maħruġha mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €2,500 biex isiru diversi attivitajiet relatati mal-Milied fosthom ; il-Presepju Ħaj, Kunċert bi Kor, armar fil-Pjazza Trasfigurazzjoni u attivita tat-tqassim tar-rigali tal-Milied għat-tfal. L-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet milqugħa mir-Reġjun Ċentru u dawn l-attivitajiet kollha kienu ta' suċċess. *(Ottubru 19)*
- Skema Finanzjarja 2/2019 – Għajnuna għall-Għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru maħruġha mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €2,000 bit-tijr li jgħin lit-tlett għaqdiet magħżulha mill-kumplament li applikaw ; is-Soċjeta' Sant Andrija, Lija *Athletic Football club* u l-Mużew tas-subien, b'xiri ta' apparat elettroniku u edukattiv fil-binja rispettiva tagħhom. Din l-applikazjoni għadha trid tiġi approvatha mir-Reġjun Ċentru. *(Ottubru 19)*

Apparti dawn l-iskemi l-kunsill anke wettaq proġetti nkonnessjoni mal-Ġnien Ċentru Rikreattiv u l-*playing field* li hemm fih. F'seduta nru 90 datata 20 ta' Mejju 2019, il-kunsill kien approva li fil-*playing field* issir manutenzzjoni fejn jinbidel il-*play equipment* u t-tapit tal-art għal oħrajn ġodda. Din hija xi ħaġa li kellha ssir għas-sigurta tat-tfal li jagħmlu użu minn dan il-ġnien. Biex ikompli jżied aktar is-sigurta, f'seduta nru 06 datata 10 ta'Ottubru 2019, l-kunsill approva li jweħħel *safety closing gates* fiż-żewġ entraturi prinċipali tal-ġnien, waħda fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u oħra fi Triq Giovanni Barbara. Dawn il-proġetti żgħar ġew iffinanzjati bl-għajnuna ta' Reġjun Ċentru mill-*LES Surplus Funds.*

F'din is-sena l-Kunsill kien f'kuntatt kontinwu mal-MTA biex bl-għajnuna tagħhom jiġi rrestawrat it-Torri Belvedere fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

Il-Kunsill anke għamel kuntatt ma' *Heritage Malta* biex issir spezzjoni fuq il-qadgħa tal-Mitħna u biex jingħata parir ta' kif jista jtejjeb il-qadgħa tal-Mitħna.

**Laqgħat**

Matul din is-sena saru ħafna laqgħat u *meetings on site* ta' spiss ma' diversi entitajiet fejn waqt dawn il-laqgħat/*meetings* kemm jista jkun dejjem kien hemm preżenti s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Fost l-entitajiet ma min saru dawn il-laqgħat wieħed jista jsemmi lil kuntratturi li jagħtu servizz lil kunsill, Transport Malta, Infrastrucute Malta, Heritage Malta, Ambjent Malta, il-*Works Department,* is-Sanita, il-pulizija, LESA, l-AKL, Reġjun Ċentru, MEUSAC, EUPA, ERA, l-Awtorita tal-Ippjanar u aktar dipartimenti tal-gvern etc. L-iskop ta' wara dawn il-laqgħat/*meetings* dejjem kien biex il-kunsill iżomm rapport ta' ħidma tajjeb ma' kull entita jew dipartiment biex possibilment jikseb kull tip ta' għajnuna u sapport għall-benefiċċju tal-lokal kollu.

**Ħarġiet**

Matul din is-sena, ġew organizzati diversi ħarġiet li minnhom ibbenifikat il-popolazzjoni kollha ta' Ħal Lija. Ġew organizzati ħarġiet kemm għall-anzjani, adulti, żgħażagħ u tfal. Dawn il-ħarġiet servew ta' soċjalizzazzjoni. Fost l-ħarġiet organizzati wieħed jista jsemmi żjarat f'għadd ta' postijiet storiċi, mawriet sa Għawdex/Kemmuna, ikliet u żjariet ta' avvenimenti nkonnessjoni mal-Milied u ħafna aktar. Il-ħarġiet huma popolari ħafna u jkunu mistennija b'entużjażmu. It-Trasport għal dawn il-ħarġiet huwa ssussidjat mill-Kunsill.

**Applikazzjonijiet *Heritage Passport* għall-anzjani**
Fis-sena 2019 il-kunsill beda joffri s-servizz lil anzjani fejn jgħinhom japplikaw għall-*Heritage passport* biex ikunu faċilment jistgħu jżuru diversi mużewijiet u postijiet storiċi b'xejn.

***Talks* informattivi**

B'għajnuna ta' diversi entitajiet il-Kunsill organizza diversi talks informattivi fosthom dwar saħħa u sigurta. Dawn it-*talks* ġew provduti u ndirizzati l-aktar lejn il-komunita anzjana.

**Kors ta' *Health and Safety***

Bl-għajnuna tal-entita OHSA, l-kunsill organizza kors lil għaqdiet dwar *health and safety* inkonnessjoni mal-pożizzjoni tagħhom fi ħdan l-għaqda. Dan il-kors kien bla ħlas u ssussidjat mill-Kunsill.

**Servizz ta' Berġa fil-Lokal**

F'din is-sena il-kunsill għamel kuntatt mal-*Primary Health Care* fejn talab biex jekk possibilment jibda jingħata s-servizz ta' berġa mill-binja amministrattiva tal-kunsill. F'isem il-kunsill is-Sindku ltaqgħa ma' żewġ rappreżentanti tal-*primary health care* pero din it-talba għadha ma ġietx approvatha u kif ukoll lanqas iffinalizzatha. (*Novembru 19)*

**Vaċċin tal-Influwenza**

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill ipprovda s-servizz li jamministra l-vaċċin tal-influwenza. Ir-residenti ta' Ħal Lija li għandhom iktar minn 55 sena ngħataw il-possibbilta' li jirċievu l-vaċċin kontra l-influwenza mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-vaċċin ingħata lil madwar 245 persuna, nhar il-Ħamis, 24 ta' Ottubru 2019. Dan is-servizz kien bla ħlas.

**Jum Ħal Lija u Ġieħ Ħal Lija**

Għal sena oħra ġie ċċelebrat Jum Ħal Lija fejn ingħata Ġieħ Ħal Lija lil żewġ persuni. Ġieħ Ħal Lija ġie mgħoti lis-Sur Aaron Cuschieri u lis-Sur Mark Sciberras. It-Tnejn li huma ingħataw plakka bħala rikkonoxximent tal-ħidma kbira tagħhom u l-imħabba li kontinwament juru lejn ir-raħal.

**Festival taċ-Ċitru**
Bħal kull sena jsir il-Festival ta' Ċitru fil-lokalita' ta' Ħal Lija. Għas-sena 2019 din saret il-Ħadd fl-20 ta' Jannar fis-sala tal-Mirakli u l-Ġnien tal-Mirakli bejn 10:00a.m. u 6:00p.m. Waqt din l-attivita' kulturali jsir bejgħ ta' frott relatat maċ-Ċitru, bejgħ ta' ikel lokali u nternazzjonali u prodotti tal-għasel. Kien hemm ukoll esibizzjonijiet tal-arti ġewwa l-Mitħna, artiġjani li wrew diversi xogħolijiet li huma jagħmlu, logħob u divertiment għat-tfal u anke varjeta' ta' mużika.

***European Week for Waste Reduction***

Matul il-*European Week for Waste Reduction,* il-Kunsill organizza diversi attivitajiet relatati mat-temi '*Reduce*', '*Reuse*' u '*Recycle*'. Din l-attivita saret fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv fit-23 ta' Novembru, 2019. Fost l-attivitajiet li saru kien hemm demostrazzjoni ta' tisjir bl-*leftover foods, talks* informatti u logħob edukattiv għat-tfal dwar kif għandu jiġi sseparat l-iskart. F'din il-ġurnata tqiegħed ukoll *cloth bin* fil-ġnien biex min għandu xi ħwejjeġ użati li ma jridhomx aktar jitfagħhom fih. F'din l-attivita ħadet sehem in-*nursery* tal-futbol ta' Ħal Lija.

**Tiżjin tar-raħal bid-dwal tal-Milied**

Fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, il-Kunsill żejjen bit-tiżjien u xegħel bid-dawl dekorattiv il-pjazza kollha. Fil-pjazza anke tpoġġiet *christmas tree* kbira tixgħel. Dan it-tiżjien u kif ukoll l-

*christmas tree* saru bl-għajnuna tar-Reġjun Ċentru b'permezz ta' Skema Finanzjarja 1/2019. *(Diċembru 19)*

**Attivitajiet tal-Milied**

Għal din is-sena, l-Kunsill organizza attivtajiet tal-Milied bil-kollaborazjoni ta' diversi għaqdiet u bl-għajnuna finanzjarja tar-Reġjun Ċentru b'permezz ta' Skema 1/2019 kif ġej:

- Il-Presepju Ħaj b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta Sant Andrija u s-Soċjeta Mużikali San Pio X. Dan il-presepju kien miftuħ għall-pubbliku fit- 13, 14, 15, 21, 22, 25, 28 u 29 ta' Diċembru 2019.
- L-attivita tat-tqassim tar-rigali bil-*christmas carriage* b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Festi Esterni. Din l-attivita saret fit-23 ta' Diċmebru 2019.
- Kunċert tal-Milied li fih ħa sehem il-kor 'Chorus Urbanus'. Dan il-kunċert sar fis-27 ta' Diċembru 2019 b'kollaborazzjoni mal-kappillan Fr. Joe Cillia u l-paroċċa kollha ta' Ħal Lija.

Barra minn hekk il-kunsil organizza wkoll buffet tal-Milied li kien miftuħ għal pubbliku. Dan il-buffet ġie organizzat fit-28 ta' Diċembru 2019 ġewwa il-Lukanda Raddisson Blu ta' Għajn Tuffieħa. Trasport għal din l-attivita kien ssussidjat mill-kunsill.

Ġie organizzat ukoll riċeviment żgħir b'relazzjoni mal-Milied u bidu ta' sena ġdida fejn fih il-kunsill stieden diversi nies fosthom ; il-Ministri, Ex-Sindki, Ex-Kunsilliera, Ex-Segretarji, Presidenti u Segretarji tal-għaqdiet, President u Segretarju tar-Reġjun Ċentru, diversi dipartimenti u entitajiet, kuntratturi li jagħtu servizz lill-Kunsill etc.

Bħal kull sena l-kunsill organizza wkoll ikla żgħira li għaliha jkunu mistednin il-kunsilliera, l-*istaff* u l-ħaddiema tal-kunsill, kollu.

**Aktar Innovazzjonijiet**

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ukoll li :

- joħloq Facebook Page aħjar biex ikun aktar qrib tar-residenti u l-pubbliku;
- kif stipulat fil-liġi mplementa sistema ta' *VOD (video on demand)* relata max-xandir tal-laqgħat tal-kunsill fejn b'hekk il-pubbliku ngħata l-opportunita li mhux biss isegwi laqgħat online imma jista wkoll jerġa jara l-laqgħat tal-kunsill li jkunu diġa saru ;
- investa fi *photocopier* aktar effiċjenti u li biha ssa għandu l-faċilita li jiprintja anke *posters*/ avviżi/ *flyers* A3. B'permezz ta' dan l-investiment il-kunsill naqqas ħafna l-ispejjeż tal-*printing* li huwa kellu ;
- fuq bażi regolari jsiru *meetings* bejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff biex b'hekk l-amministrazzjoni jkollha stampa ċara tal-oġġettivi li hija tixtieq tilħaq u l-progress li hija tkun qed tagħmel ;
- fuq bażi ta' kuljum tiġi ppreparatha skeda ta' xogħlijiet jew manutenzzjoni fejn din umbagħad titqassam lil ħaddiema tal-kunsill biex tiġi mplementatha ;
- xxandar il-ħruġ u d-dħul tal-istatwa ta' Kristu Salvatur f'nhar il-festa 06 ta' Awwissu. Din it-trasmissjoni setgħu jarawa dawk in-nies rikoverati fil-lokal fid-djar tagħhom, fid-djar tal-anzjani u anke l-emmigranti.

## 3.2 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera – fejn il-ħidma tagħhom tikkonsisti fi relazzjoni tajba mar-residenti u jaraw li jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom fl-interess tar-raħal.
- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv - li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni tal-Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.
- Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u mifhiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill. Dan għandu jsir bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar.
- L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.
- L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' Gvern Lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## 3.3 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

**L-Uffiċċju Amministrattiv**

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali u b'permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri jew direttivi li jinħarġu minn żmien għal żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati nregola ma' dan l-Att u kull avviż legali, proċedura jew direttiva.

**Impjegati tal-Kunsill**

Matul din is-sena kien hemm żieda b'rata qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jopera l-kunsill u jimexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull tip ta' xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Lija, ħafna drabi jieħu ħafna ħin twil, huwa xogħol moħbi, mibni, ppreparat u kif ukoll komplut mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta' kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għas-sena 2019. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li jaf ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport jew iddettaljati fit-tul.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku, tas-sapport u l-impenn sħiħ u lill-Kunsilliera kollha li għamlu parti mis-Seba' u t-Tmien Leġislatura għas-sena 2019, tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut tagħhom lejn ir-residenti u l-lokalita'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbilta', sapport u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tax-xogħol li huma jiprovdu.

Pamela Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DHUL U L-INFIQ

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Funds received from Central Government** | **293,582** | 289,620 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | **2,995** | 4,491 |
| **General Income** | **32,738** | 17,565 |
| | **329,315** | 311,676 |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | **(83,163)** | (93,748) |
| Operations and Maintenance | **(127,457)** | (100,096) |
| Administration and Other Expenditure | **(129,090)** | (116,537) |
| | **(339,710)** | (310,381) |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **-10,395** | 1,295 |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DHUL FID-DETTALL

| | 2019 € | 2018 € |
|---|---|---|
| **Government Income** | | |
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **283,582** | 278,851 |
| Other Government Income | **0** | 0 |
| Other Supplementary Government Income | **10,000** | 10,769 |
| | **293,582** | 289,620 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | | |
| Income from LES administration fees | **2,995** | 4,491 |
| LESA Distribution to Council | **0** | 0 |
| | **2,995** | 4,491 |
| **General Income** | | |
| Income from tender documents | **0** | 0 |
| Income from permits | **8,535** | 9,420 |
| Sundry contributions & donations | **23,494** | 7,954 |
| Income from Insurance Claim | **709** | 0 |
| Other Income | **0** | 191 |
| | **32,738** | 17,565 |
| **Total Revenue** | **329,315** | 311,676 |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Personal Emoluments** | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Personal Emoluments include, inter alia : | | |
| Mayor's Allowance | **10,712** | 7,464 |
| Executive Secretary's Salary | **17,910** | 29,639 |
| Employees' Salaries | **37,597** | 44,517 |
| Social Security Contributions | **9,647** | 5,914 |
| Councillors' Allowance | **7,297** | 6,214 |
| | **83,163** | 93,748 |

| **Operations and Maintenance** | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Operations and maintenance includes, inter alia: | | |
| Repairs and upkeep: | | |
| Road/street pavements | **3,562** | 5,857 |
| Signs and Road Markings | **3,415** | 3,718 |
| Other Repairs and Upkeep | **9,834** | 3,925 |
| | **16,811** | 13,500 |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse Collection | **42,605** | 45,002 |
| Bulky Refuse Collection | **3,730** | 3,384 |
| Road and Street Cleaning | **18,649** | 17,407 |
| Cleaning and Maintenance - Public Conveniences | **6,209** | 4,694 |
| Cleaning and Maintenance - Parks and Gardens | **22,143** | 7,532 |
| Street Lighting | **6,302** | 6,359 |
| Other | **11,008** | 2,218 |
| | **110,645** | 86,596 |
| | **127,457** | 100,096 |

| **Administration and Other Expenditure** | **2019** | **2018** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Utilities | **3,902** | 3,125 |
| Rent Payable | **10,200** | 8,856 |
| National and International Memberships and Subscriptions | **882** | 205 |
| Training | **350** | 0 |
| Office Services | **5,802** | 3,183 |
| Motor Vehicles Insurance/ Licence including fuel | **1,033** | 1,598 |
| Office Cleaning | **1,224** | 0 |
| Publications / Advertising | **0** | 607 |
| Professional Services | **27,382** | 14,142 |
| Community Services & Events | **0** | 2,708 |
| Bank Interest and Charges | **0** | 113 |
| Penalties and Claims | **0** | 0 |
| Impairment of PPE | **0** | 0 |
| Depreciation | **77,798** | 80,133 |
| Insurance | **0** | 1,674 |
| Other Expenses | **517** | 193 |
| | **129,090** | 116,537 |

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAS- SINDKU
# IKKUMPILAT MIS-SUR ANTHONY DALLI

## 1. DELEGA DWAR L-AMMINISTRAZZJONI

- L-Amministrazzjoni tal-Kunsill huwa l-mekkaniżmu l-aktar importanti biex il-kunsill jirnexxi fil-ħidma tiegħu. Meta bdejt is-Sindakat tiegħi ovjament l-ewwel laqgħat ikunu mal-Amminstrazzjoni tal-Kunsill fejn il-Kap huwa s-Segretarju Eżekuttiv. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv tagħtni *overview* tas-sitwazzjoni ltqajt ukoll mal-kumplament tal-*istaff* tal-Kunsill fejn tawni merħba li ma kontx qed nistenna u flimkien meddejna l-forzi kollha tagħna għax-xogħol b'risq il-lokalita u r-residenti kollha.

- Illum wara sitt xhur fil-kariga nista ngħid li hawn grupp ta' impjegati effiċjenti, kapaċi fix-xogħol tagħhom u aktar importanti huwa li jippruvaw jagħmlu l-impossibli biex jaqdu r-residenti tagħna. Il- laqgħat tagħna huma spissi u niddiskutu fid-detall dak kollu li nħossu li hu ta' beneffiċċju għal-lokalita li aħna responsabbli minnha.

- Iltqajna ma' diversi dipartimenti, entitajiet u mal-kuntratturi tas-servizzi u elenkajna l-problemi li għandna u kif se nimxu l-quddiem biex intejbu l-operat.

- Tkellimna fid-dettal kif se nirrakomandaw lil-kunsill biex intejbu s-servizzi li nagħtu lir-resident. Nemmen li f'dawn is-sitt xhur sar progress konsiderevoli fl-operat ta' dan il-kunsill.

- Il-Finanzi kienu punt ieħor importanti u ridt li jkolli stampa ċara tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

- Il-Kunsill mal-Amministrazzjoni bil-ħidma tagħna flimkien, nistgħu ngħidu li ġa ksibna fiduċja li tidher kienet nieqsa mir-residenti.

- Nemmen ukoll li s-sotto kumitati li jaqaw taħt id-dikasteru tiegħi għandhom jelenkaw dawk l-opportunitajiet u suġġerimenti neċċessarji biex id-deċiżjonijiet ikunu mfassla bil-parteċipazzjoni tar-residenti.

## 2. DELEGA FUQ L-AMBJENT

- L-Ambjent huwa l-ewwel prijorita fix-xogħol tiegħi bħala s-Sindku ta' din il-lokalita hekk sabiħa. L-ewwel ħidma li qbilna waqt seduta tal-Kunsill, ġie fdat lili bħala responsabbli mill-Ambjent li nagħtu spinta lil Ġnien Rikreattiv fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u l-bandli f'Tal-Mirakli. It-Telqa f'dan il-ġnien hija evidenti u tidher minn kullimkien.

- Kelli niltaqgħa spiss mal-kuntrattur inkarigat minn dan il-ġnien ħafna drabi fil-prezenza tas-Segretarju Eżekuttiv. Jidher li ma tantx kien hemm ħeġġa biex nimxu l-quddiem u

t-telqa li kien hemm għal żmien twil ma għinitx. Fl-opinjoni tiegħi il-progress biex il-ġnien jitranġa kien bil-mod wisq.

- Għamilna *meeting* ma' Ambjent Malta, għax dan id-dipartiment joffri għajnuna lil-Kunsilli u tlabna li ssir evalwazzjoni tal-qagħda preżenti biex naraw titjieb immedjat. Iltqajna mal-Uffiċjali u ħarġu b'diversi azzjonijiet li jistgħu jsiru mmedjatamnet biex il-ġnien jieħu r-ruħ. Huma wkoll offrew l-għajnuna bin-nies tagħhom biex intejbu l-ambjent. Dan sar ukoll fl-akwata ta' quddiem il-Kappella tal-Madonna tal-Mirakli.

- Tlabna wkoll l-għajnuna tal-*Works Division* tal-Gvern Centrali, wara diskussjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet. Jidher li ħadd ma jaf eżatt ta' minn hi r-responsabbilta aħħarija tal-komun ta' dan il-ġnien. Nista ngħid li l-Uffiċjali li żaru l-post sal-lum għadhom ma tawna l-ebda risposta kif jistgħu jgħinu u ma tantx kienu ħerqana li jgħinu.

- Dwar l-ambjent ġenerali fir-raħal hemm ħafna xi jsir. Tajjeb li ngħidu li f'Lulju 2019 meta dħalna fil-kariga ħadna l-ewwel inizjattiva flimkien mal-Kunsillier Donio Cini responsabbli mill-Indafa Pubblika fejn tajna tindifa sewwa l-lokal kollu qabel ma dħalna għal ġranet tal-Festa. Illum għandna kuntratt ġdid ta' tindif fit-toroq imqassam aħjar biex nilħqu r-raħal kollu b'effiċjenza.

## 3. DELEGA DWAR L-AWTORITA TAL-IPPJANAR

- L-applikazzjonijiet li qed jiġu sottomessi huma ta' theddida għal lokal tagħna. Kellna nappuntaw ukoll persuna kwalifikata fl-ippjanar, biex kull applikazzjoni li tidħol tiġi evalwata u jkollna rapport biex jekk ikun il-każ ntellgħu l-oġġezzjonijiet tagħna anke flimkien mar-residenti. Dan huwa ta' piż finanzjarju qawwi għal kunsill bħal tagħna imma bħala Kunsill nemmnu li għandna nieħdu dawk l-azzjonijiet meħtieġa skond il-liġi biex nipproteġu l-Ambjent ta' madwarna. Attendejt numru sostanzjali ta' seduti flimkien mal-kunsilliera u residenti.

- Flimkien ma' Din l-Art Ħelwa qed nistudjaw kif nistgħu nagħmlu petizzjonijiet biex nikkonservaw ċertu bini u ġonna f'Ħal Lija.

## 4. DELEGA FUQ PROĠETTI KAPITALI

- Kif dħalt fil-kariga ta'Sindku kien intqal li hemm xi grant ta' EUR 10,000 biex isir proġett fil-Lokal tagħna minn Norwegian Funds. Għamilt ir-riċerka tiegħi u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kkonfermali li l-Kunsill tagħna għal kemm kien applika għal dawn il-fondi ma kienx intitolat għax qiegħed fl-aħħar nett tal-lista tal-benefiċjarji.

- Xogħol ieħor ta' natura Kapitali kien issemma li l-Awtorita tat-Turiżmu se tirrestawra t-Torri Belvedere fi Vjal it-Trasfigurazzjoni inkluż dawl ġdid. Tkellima mal-Awtorita kemm il-darba imma qatt ma ħadna risposta meta dan ir-restawr se jipproċedi.
- Lejn il-bidu ta' din is-sena 2020 irċevejt appuntament minn uffiċjali tal-Awtorita biex niltaqgħa magħhom dwar dan ir-restawr. Huma kkonfermawli li ħarġet it-Tender u

tagħlaq f'Marzu 2020. Huma kkonfermawli li jekk kollox imur sew fil-proċess tas-sejħa pubblika x-xogħol jibda mmedjatamnet u jieħu madwar 30 ġimgħa biex jitlesta.

- It-Toroq li qed isiru minn *Infrastructure Malta* ta' min iffaħħarhom biss qed insibu ħafna problemi ta' kuljum peress li aħna ma nkunux involuti fl-ippjanar ta' dan ix-xogħol u r-responsabbilita hija tal-Perit.

- Qegħdin ukoll f'taħdidiet ma' *Infrastructure Malta* bl-għajnuna tal-Ministru Ian Borg biex naraw kif nistgħu nifthemu flimkien biex nibdlu l-pavimentar ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni mit-torri l-isfel. Dan jinkludi wkoll li ndejqu ftit il-bankini biex il-vetturi li jgħaddu jkunu jistgħu jimmanuvraw aħjar, b'kumdita u sigurta.

## 5. <u>DELEGA FUQ UNJONI EWROPEA U SKEMI TAL-GVERN ĊENTRALI</u>

- Qiegħdin attenti ħafna għal kull sejħa li toħroġ fejn il-Kunsill ikun jista jikseb fondi taħt skemi kemm tal-EU u anke tal-Gvern Ċentrali. Għandna fondi mill-EU għal manutenzjoni u kostruzzjoni ta' diversi ħitan tas-sejjieħ u qed naraw li nerġgħu napplikaw għal skema oħra tal-istess ħitan tas-sejjieħ.

- B'dispjaċir inħabbar li applikajna biex nagħmlu restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl fejn l-applikazzjoni tagħna ġiet milqgħuha imma mhux se nieħdu fondi għal din id-darba. Nisperaw li jikkunsidrawna mas-sejħa ta wara din.

- Iltqajna ma' uffiċjali tal-MEUSEC diversi drabi kemm flimkien mal-Viċi Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv biex naraw għal liema skemi nistgħu napplikaw. Flimkien mal-Viċi Sindku Daniel Mallia rajna kif nistgħu nġibu fondi biex ngħinu liż-żgħażagħ jorganizzaw attivitajiet u anke skambju u studji oħra.

## 6. <u>DELEGA FUQ L-IMMANIĠJAR TAT-TRAFFIKU</u>

- L-immaniġjar tat-Traffiku f'Ħal Lija huwa problema li ħdimna flimkien biex nipruvaw mal-Awtoritajiet insolvu dik il-problema hekk kbira li nħolqot f'dan ir-raħal hekk żgħir u kwiet. Meta dehrna quddiem il-bord tat-Traffiku ta' Transport Malta aħna ppreżentajna d-diffikultajiet tagħna u meta ngħid tagħna nkun qed nirreferi għar-residenti kollha. Meta elenkajna d-diffikultajiet speċjalment in-numru ta' vetturi li jidħlu minn naħa ta' tal-Mirakli u Preca *street* ġewwa Ħal Lija biex joħorġu min Vjal it-Trasfigurazzjoni, sfaċċatament uffiċjal f'kariga għolja ta' TM iddikjara li t-toroq imsemmija huma triq alternattiva għal Mosta *Road* (ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija).

- Bħala kunsill din ma aċċettajnijiex u opponejna bl-aħrax din id-dikjarazzjoni fejn stqarrejt li dan l-uffiċjal ma jafx x'inhu jgħid. Lil dan l-uffiċjal fakkarnieh li toroq ta dan il-qies mhux validu li jgħaddi dan it-traffiku kollu minnhom meta jkollok tfal, anzjani u anke ġenituri bil-*pushchairs* sejrin lejn l-iskola, il-Knisja u jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom ta' kuljum.

- Wara dan kollu rreferewna biex niltaqgħu l-erba kunsilli li mmissu ma' xulxin jiġifieri Ħal Lija, Ħ'Attrad, Ħal-Balzan u l-Iklin għand l- Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, biex nifthemu fuq il-proposta tal-kunsill tagħna biex għal sagħtejn filgħodu ma jinżilx traffiku minn Triq Preca. Wara diskussjoni kellna żewġ risposti li ma jsibux diffikulta li jsir dan; mill-Kunsilli ta' Ħal Balzan u l-Iklin. Iltqajna mal-Kunsill ta' Ħ'Attard fejn wara diskussjoni taħraq fejn kienu preżenti l-Kunsilliera kollha flimkien miegħi wasalna li jsiru *counts* biex naraw il-problema eżatta. Aħna ġa tkellimna ma' professjonista f'dan il-qasam biex naraw x'se nagħmlu dwar il-*counts*. Iżda peress li beda ix-xogħol ta' *tarmac* ġdid fi Triq Preca dan kollu ġie sospiż miħħabba li ma tistax tagħmel dawn il-*counts* meta t-triq tkun kważi magħluqa kuljum.

## 7. DELEGA FUQ ORDNI PUBBLIKA

- Dwar l-ordni pubblika nsibu appoġġ qawwi mill-Uffiċjali tal-Pulizija tad-distrett fejn is-Supretendent u uffiċjali oħra jitolbu *meeting* regolari miegħi bħala Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Nista ngħid ukoll li dwar l-ilmenti tagħna li jsiru mir-residenti, d-distrett tal-pulizija kollu dejjem tana feedback malajr fi ftit siegħat.

## 8. DELEGA DWAR L-GĦAQDIET FIL-KOMUNITA

- Il-ħidma tiegħi bħala Sindku u għandi l-appoġġ kollu tal-Kunsill favur l-għaqdiet hija waħda li ma tiqafx. Nemmen li dawn in-nies bil-volontarjat tagħhom jagħmlu ħafna sagrifiċċji personli flimkien mal-familji tagħhom biex ikollna għaqdiet b'saħħithom u jgħinu lir-residenti f'ħafna xogħol ta' kuljum, miż-żgħar tagħna sa l-anzjani tagħna.

- Fl-ewwel sitt xhur ta' dan il-Kunsill ħdimna ħafna qrib tagħhom speċjalment fil-Festa u fil-Milied u nibqgħu nappoġġjaw dawn l-inizjattivi biex ir-raħal tagħna jimxi il-quddiem. Din is-sena kellna għad-dispożizzjoni tagħna EUR 2,000 u EUR 2,500 biex ngħinu lil għaqdiet tagħna. maħruġa minn Fondi tar-Reġjun Ċentru fejn jiena nirrapreżenta lil Kunsill.

## 9. DELEGA DWAR L-ANZJANI

- Dan huwa qasam ieħor li ntih priorita fil-ħidma ta' kuljum biex dawn in-nies li ħadmu u rabbew il-familji tagħna, ntuhom dik l-istima xierqa u s-servizzi li jkollhom bżonn kemm jista jkun fil-lokal tagħna. Bħal issa qed nagħmlu diskussjonijiet mad-Dipartiment tas-saħħa biex il-berġa tkun tista topera għal darba fil-ġimgħa mill-uffiċju tal-Kunsill.

- Qiegħdin nappoġġjaw inizjattiva tajba ħafna għall-anzjani organizzata mill-Parroċċa fejn dawn jiltaqgħu darba fil-ġimgħa fis-sala Villa Lia u il-kunsill jgħin fl-organizzazjoni ta' dawn il-ħarġiet.

## 10. DELEGA FUQ INNOVAZZJONI

- Il-Kunsill il-ġdid ħa ħsieb li jinstalla *website* ġdida bl-għajnuna tas-Segretarju Eżekuttiv fejn tajna aktar spazju lir-residenti biex jesprimu il-ħsibijiet tagħhom.

- Introduċejna ukoll l-innovazzjoni li r-residenti jiġu nfurmati bi *flyer* bl-attivitajiet kollha li jsiru u nvestejna ukoll *f'leased photocopier* fejn l-ispejjes għal *printing* ta' dawn il-*flyers* naqsu drastikament. Il-ħaddiema tal-kunsill qed iqassmu dawn il-*flyers* meta possibli u b'hekk naqqasna ukoll l-ispiża għal dan is-servizz ta' tqassim.

- Innovazzjoni oħra hija li kull ġimgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-*istaff* nagħmlu *meeting* fejn inkejlu l-oġġettivi tagħna u b'hekk l-amministrazzjoni jkollha stampa ċara tal-progress li qed jagħmel il-Kunsill.

- Qed noħolqu laqgħa ta' ppjanar aħjar ta' l-iskeda ta' xogħlijiet li jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-komunita. Is-Segretarju Eżekuttia hija c-*chairperson* ta' dan il-meeting u qed jiġi organizzat aħjar il-proċess tax-xogħlijiet.

- Din is-sena ukoll għal-ewwel darba fl-istorja tal-Kunsill Lokali Ħal Lija xandarna fuq il-paġna tal-Kunsill il-ħruġ u d-dħul tal-istatwa artistika u devota ta' Kristu Salvatur f'nhar il-festa 06 ta' Awwissu. Din it-trasmiżżjoni setgħu jarawa dawk in-nies rikoverati fil-lokal fid-djar tagħhom, fid-djar tal-anzjani u anke l-emmigranti.

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL- VIĊI SINDKU IKKUMPILAT MIS-SUR DANIEL MALLIA

## 1. DELEGA FUQ ŻGĦAŻAGĦ U TFAL:

***Waste reduction week:*** Saret inizjattiva favur l-ambjent u t-tnaqqis u s-separazzjoni ta' l-iskart fit-23 ta' Novembru 2019 fejn fiha ppartecipaw diversi tfal inkluż tfal li huma membri fin-*nursery* ta' Ħal Lija. B'permezz ta' attivitajiet edukattivi dawn it-tfal ġew mgħalma kif iżommu l-lokalita u post fejn joqgħodu kemm jista jkun nadif.

**Kommunikazzjoni:** Kontinwament iż-żgħażagħ qed jiġu notifikati rigward l'attivitajiet li qegħdin isiru madwar ir-raħal.

***Erasmus+:*** Saret laqgħa ma' l-entita' MEUSAC li b'permezz tagħha bdew taħdidiet kontinwi biex il-quddiem iż-żgħażagħ Liljani jkollhom possibilta' jsiefru b'mod edukattiv u bis-saħħa ta' fondi tal-Unjoni Ewropea li jista jakkwista l-kunsill.

**Sotto Kumitat:** B'relazzjoni ma' din id-delega ġie kkreat sotto kumitat li għandu jiltaqgħa fil-ġimgħat li ġejjien. Sadanittant diġa bdew jiġu mressqa ħsibijiet quddiem il-kunsill inkonnessjoni ma' dan is-sotto kumitat u għall-benefiċċju taż-żgħażagħ u t-tfal fil-lokalita.

***Clean up:*** Saru taħdidiet biex il-quddiem isiru inizjattivi bħal *clean up days* fejn jiġu mħajra biex jippartecipaw kemm tfal u żgħażagħ.

## 2. DELEGA FUQ SPORTS U ATTIVITAJIET FIŻIĊI:

***Waste reduction week:*** F'din l-inizjattiva li saret fit-23 ta' Novembru 2019, ippartecipaw fiha tfal tan-*nursery* ta' Ħal Lija fejn kien hemm ukoll kowċis li għamlu attivitajiet fiżiċi u sportivi lit-tfal.

***Sports Day:*** Għaddejjin taħdidiet biex issir *Sports day* fejn kulħadd ikun jista' jippartecipa.

**Mixja-** Hemm ħsibijiet biex fil-futur forsi tibda ssir mixja darba kull ġimgħa biex inżommu lil komunità attiva.

**Erjon Beu-** Il-Kunsill irrikonoxxa wieħed mill-aktar plejers li ta kontribut lil Ħal Lija fejn jidħol il-qasam kalċistiku.

**Sotto Kumitat-** B'relazzjoni ma' din id-delega ġie kkreat sotto kumitat. Għalkemm għadha ma saritx l-ewwel laqgħa fi ħdan il-kumitat, diġa bdew jiġu diskussi attivitajiet li jistgħu jsiru fil-futur. Dan is-sotto kumitat ser ikun qed jiltaqgħa fil-ġimgħat li ġejjien.

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL- KUNSILLIER IKKUMPILAT MIS-SUR CALCEDONIO CINI

1. **DELEGA FUQ L-INDAFA:**

**Kuntratt ġdid –** Mal-operatur tal-ġbir tal-iskart li jinġabar bieb bieb.

**Kuntratt ġdid –** Dwar il-knis tat-toroq fil-lokalita triq triq mit-Tnejn sas-Sibt u frekwenza aktar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, il-pjazza tal-knisja u l-Ġnien Rikreattiv.

**Komplejna –** Noffru servizz tal-*bulky refuse* għal-lokalita kull nhar ta' Sibt.

**Komplejna –** Niġbru il-flixken mal-operatur konċernat fl-ewwel ġimgħa ta' kull xahar.

***Sort It Out* –** B'dejna noffru dan is-servizz fil-lokalita kull Raba Erbgħa tax-xahar.

**Ħaxix Ħażin –** Kif dħalna fil-kariga minn Lulju sar qtugħ tal-ħaxix ħażin fit-toroq kollha għall-aktar indafa. Dan sar ukoll fl-inħawi taż-żona ta' Ħal-Mann.

**Żbir Tas-Siġar –** Żbarna is-siġar ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni u l-pjazza ta' quddiem il-knisja kif ukoll is-siġar tal-Ġnien Rikreattiv u s-*soft area* viċin il-*ground* tal-futbol u żbarna il-lantana li kienu jostakolaw li min ikun qed isegwi l-logħob tal-futbol.

**Lattrini Pubbliċi –** Qed naraw li intuhom *upgrade*, għax għandhom bżonn!

**Ħmieġ tal-ħamiem –** Ħadna ritratti ta' partijiet fejn hemm dan il-ħmieġ u bgħatniħom lil-entita li kkonċernatha u qed nittamaw li naslu għall-soluzzjoni fejn neqirdu din l-problema tal-ħamiem darba għal dejjem.

**Festa ta' Ċitru –** Organizzajna dan il-festival u nkorporajna fih *talks* fuq *save water project* biex in-nies ma jaħlux ilma u anke ġibna it-*trailer tas-sort it out* fejn in-nies setgħu jiddisponu minn xi skart li huwa perikoluż jintrema ma' skart ieħor normali.

**Żebgħa tal-bankijiet –** Żbajna numru ta' bankijiet pubbliċi fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u l-pjazza ta' quddiem il-knisja, kif ukoll bankijiet pubbliċi fil-Ġnien Rikreattiv u żbajna gradi tas-siġurta fl-istess ġnien.

**Sotto Kumitati –** Qegħdin fil-proċess li nwaqqfu sotto kumitat fil-qasam tal-indafa.

## 2. DELEGA FUQ L- INFRASTRUTTURA:

**Manutenzzjoni ta' tabelli u sinjali –** Manutenzzjoni ta' sinjali biż-żebgħa u *speed limits* fit-toroq speċjalment fil-qalba tal-villaġġ, kif ukoll manutenzzjoni u re-freshing ta' *parking spaces* u *double yellow lines.*

**U-Bars –** Poġġejna U-BARS għal aktar sigurta fejn ġejna mitluba u rranġajna oħrajn li kellhom bżonn ta' tiswija.

**Tiswijiet fit-toroq –** Għamilna diversi tiswijiet fit-toroq ta' ħofor u *patching* fejn l-aktar li kien urgenti.

**Bankina ġodda –** Saru manutenzzjonijiet fuq bankini fit-triq biex bniedem li juża siġġu tar-roti ikun aktar faċli għalih biex jidħol u joħrog minn daru.

***Hand Railing* –** Għamilna *hand railing* fi triq partikolari biex in-nies (l-aktar l-anzjani) jitilgħu fuq il-bankina b'mod aktar sigur minħabba li jgħaddu ħafna karozzi mit-triq. Il-Kunsill għandu f'moħħu wkoll li jagħmel l-istess fi triq oħra wara li jsir il-*patching* meħtieg fiha.

## 3. DELEGA FUQ POLITIKA SOĊJALI :

**Donaturi tal-organi –** Wara laqgħa li attendejt qegħdin noffru għajnuna mill-kunsill għal dawk li jridu jirreġistraw bħala donaturi ta' l-organi wara mewthom. Dawn jistgħu jirreġistraw bħala dontaturi billi jiġbru l-formoli mill-uffiċju tal-kunsill.

# <u>RAPPORT TA' ĦIDMA TAL- *MINORITY LEADER* IKKUMPILAT MIS-SINJORINA LORAINNE FARRUGIA</u>

1. **<u>DELEGA FUQ IL-KULTURA:</u>**

- Għall-aħħar ta' l-Lulju 2019 kont f'kuntatt mas-Sur Julian Zarb u ħejjejna lista ta' postijiet u kuntatti ta' nies li nistgħu ninvolvu biex b'suċċess ikun jista' jiġi mħejji tour b'isem '*Meet the Locals*'.

- Fid-9 ta' Awwissu 2019 intqajt ma' Julian Zarb (l-operatur turistiku) u studenta minn tiegħu u kif ukoll ma' xi nies li studjaw fuq l-istorja u l-kultura fejn flimkien dorna l-postijiet kollha fejn hemm il-ħsieb li jkunu nklużi fit-*tour* '*Meet the Locals*'. Din hija xi ħaġa li kienet importanti ssir qabel ma' t-*tour* jiġi konfermat u kompost.

- Fit-13 ta' Awwissu 2019 għamilna laqgħa l-Kunsill dwar it-*tour* '*Meet the locals*' fejn ġew mistiedna l-partijiet kollha nvoluti u li ser jipparteċipaw f'dan it-*tour*. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss x'ser isir eżatt fit-*tour* fosthom; l-ordni tat-*tour* u l-ħin li ser ikun allokat għal postijiet kollha nklużi li ser jieqfu fihom it-turisti tul it-*tour*.

- Fit-26 ta' Awwissu 2019 flimkien ma' Julian Zarb attendejt għall-*launch* uffiċjali tat-*tour* '*Meet the Locals*'. Għal dan il-*launching* kien hemm mistiedna nies minn setturi nvoluti fl-edukazzjoni, kultura, storja u turiżmu. Qabel sar il-*launch* jien u Julian ġejna ntervistati minn ġurnalisti ta' diversi stazzjonijiet tal-aħbarijiet lokali.

- Fit-3 ta' Ottubru 2019 attendejt seminar organizzat mill-AKL fuq il-kultura, u minn dan is-seminer rriżulta li r-Reġjun li jaqa taħtu l-kunsill ta' Ħal Lija, r-Reġjun Ċentru, huwa l-iktar Reġjun li jipromovi korsijiet edukattivi – rapport fid-dettal ta' dan is-seminar diġa ġie mgħoddi lill-Kunsill.

- Fil-5 ta' Ottubru 2019 attendejt u ppparteċipajt f'*team building activity* organizzata mill-AKL li kienet relatata ma' l-istorja u l-kultura tal-Belt Kapitali ta' Malta.

- Fit-23 ta' Diċembru 2019 qassamt ir-rigali bil-kostum ta' *mother christmas* fuq karozzin lit-tfal tar-raħal. Din hija attivita tradizzjoni tal-Milied li ssir fir-raħal tagħna kważi kull sena.

## 2. DELEGA FUQ L- EDUKAZZJONI:

- Fit-28 ta' Awwissu 2019 attendejt laqgħa organizzata mill-AKL li fiha ġew diskussi diversi proċeduri u attivitajiet inkonnessjoni mal-edukazzjoni u li ser ikunu organizzati għall-Kunsill Lokali.

- Fl-14 ta' Settembru 2019 attendejt għall-konferenza edukattiva ta' ġurnata organizzata mill-AKL.

- Bejn is-7 u l-10 ta' Ottubru 2019 attendejt għall-konferenza fi Brussel li kienet relatata ma' diversi temi edukattivi. Għal din il-konferenza ġew mistiedna bosta bliet u rħula Ewropej. Rapport dettaljat ta' dan diġa ġie mgħoddi lill-Kunsill Lokali.

- Bejn il-25 u s-26 t'Ottubru 2019 attendejt għal laqgħa plenarja tal-Kunsill Lokali organizzata mill-AKL.

- Bejn it-8 u l-15 ta' Jannar 2020 organizzajt u pparteċipajt f'kors tal-*health and safety*. *B'għajnuna tal*-assoċjazzjoni OHSA dan il-kors ġie offrut mill-kunsill lokali lil persuni li huma nvoluti fl-għaqdiet tar-raħal. Dan il-kors kien jinvolvi żewġ sezzjonijiet edukattivi rigward is-saħħa u s-sigurta' tal-individwu meta jkun qiegħed fuq il-post tax-xogħol.

## PUNTI OĦRA

Inkluż mal-inizjattivi li jiena ħadt inkonnessjoni ma' dawn iż-żewġ delegi, jiena attendejt ukoll għal diversi laqgħat flimkien ma' kunsilliera oħra għand l-AKL, Transport Malta.

Jiena kont preżenti ukoll għal laqgħat/attivitajiet oħra ġenerali fosthom; attivitajiet kulturali, attivitajiet b'rispett għall-mejtien u laqgħat tal-*Planning Authority*.

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL-KUNSILLIER IKKUMPILAT MIS-SUR JOSEPH ZAHRA

1. **DELEGA DWAR L-INTEGRAZZJONI SOĊJALI**

- Matul l- aħħar sitt xhur il-kunsill ħa diversi nizjattivi biex ngħinu lil dawk kollha li jħossuhom waħedhom, ma'għandhomx ma' min jikkomunikaw, ħadd ma jagħti kashom u nies b'diversi problemi oħra tal-ħajja, billi għamilna *website* ġdida u stedinna lil kulħadd biex jikkomunikaw ma' xulxin permezz ta' din il-*website* u anke bit-telefon. Din hija xi ħaġa li rridu nagħtuha aktar attenzjoni billi nħeġġu aktar lir-residenti jgħinu lil xulxin speċjalment jekk għandhom xi problemi biex jintegraw fis-soċjeta jew aħjar fil-kommunita.

2. **DELEGA FUQ L-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**

- Il-Ħarsien tal-annimali huwa priorita għal dan il-kunsill. Fl-aħħar xhur ħadna ħsieb li nikko-operaw ma' min jindokra l-annimali u se naraw fejn nistgħu nkunu ta' għajnuna biex l-annimali jingħataw l-attenzjoni u l-kura li tixraqilhom.

3. **DELEGA DWAR IT-TURIŻMU**

- Dan il-kunsill żied il-ħidma tiegħu fejn jidħol it-turżimu lokali. Ġie ntrodott proġett bejn tlett lokalijiet li huma Ħ'Attard,Ħal-Balzan u Ħal Lija bl-għajnuna tas-Sur Julian Zarb. Dan il-proġett fih kien jinvolvi l-kunċett li inti tista tiltaqgħa ma' diversi nies u żżur diversi postijiet ta' snajja jew delizzji nkluż djar u palazzi antiki flimkien ma' esebizzjonijiet,kappelli etc. Dan il-proġett intlaqa tajjeb minn diversi entitajiet u NGO's u għandna ħafna aktar talbiet u domanda kbira mingħand ħafna aktar persuni biex iżuru l-lokal u jissieħbu f'dan il-proġett.

**PUNTI OĦRA**

Inkluż mal-inizjattivi li jiena ħadt inkonnessjoni ma' dawn id-delegi, jiena attendejt ukoll għal-laqgħa edukattiva li kienet mtella mill-AKL fuq proċeduri li se isiru organizzati għall- kunsilli lokali f'Malta u anke f'Għawdex nhar it-28 t'Awwissu. Kont preżenti ukoll għal diversi laqgħat oħra li attendejt flimkien mal-kumplament tal-kunsilliera, attivitajiet kulturali, attivitajiet b'rispett għal mejtin u laqgħat li għandhom x'jaqsmu mal-immaniġjar tat-Traffiku f'Triq Annibale Preca mal-kunsilli Balzan u Attard.